MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1377/2001/1

**Joseph Grixti**

**vs**

**Bibiana Schembri gia' Grixti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta' Lulju 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu kkuntrattaw separazzjoni konsenswali liema att gie pubblikat mill-kompjant Nutar Dottor John P. Hayman fid-9 ta' Gunju 1998;

Illi skond dan il-kuntratt l-attur kellu jaghti lill-konvenuta bhala alimenti s-somma ta' Lm110 fix-xahar li kellu jkun

rivedibbli skond l-awment jekk ikun hemm, fl-introjtu ta' l-attur;

Illi fil-fatt l-introjtu ta' l-attur naqas konsiderevolment tant li l-attur ma jistax jaghti aktar din ir-rata u qed joffri li jhallas Lm75 fix-xahar izda l-konvenuta qed tinsisti li tinghata Lm110.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tirriduci r-rata ta' l-alimenti dovuta lill-konvenuta ghal dik ir-rata li jidhrilha xieraq l-istess Qorti.

Bl-ispejjez, il-konvenuta mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 9 tal-process;

Rat il-verbal tat-23 ta' Mejju 2002 fejn Dr. Joseph Azzopardi ghall-attur ta ruhu b'notifikat bil-mozzjoni ta' l-appuntament tal-kawza.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Bibiana Schembri tat-13 ta' Gunju 2002 a fol. 16 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba attrici hija legalment insostenibbli *stante* illi obbligazzjonijiet kontrattwali, volontarjament assunti, iridu jigu rispettati u ghalhekk l-attur ma ghandux jedd jibdel dawk il-kundizzjonijiet unilateralment kif qed jitlob.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana peress illi mhuwiex minnu illi l-introjtu ta' l-attur naqas konsiderevolment u *inoltre* l-konvenuta ghandha llum spejjez medici u ghalhekk il-manteniment ghandu jibqa' nvarjat minn dak miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju 2002 fejn mistoqsi mill-Qorti l-attur iddikjara li matul l-ahhar sentejn il-paga tieghu naqset minn Lm380 ghal Lm270 fix-xahar. Il-partijiet ikkonfermaw li fil-prezent l-attur qed ihallas Lm75 fix-xahar u li hemm Mandat ta’ Sekwestru fuq id-differenza. Inghata digriet affidavit tal-partijiet b’terminu ta’ tletin (30) gurnata kull wiehed.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 10 ta’ Lulju 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess u xi dokumenti ohra.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-2 t’Awissu 2002 fejn esebiet l-affidavit taghha u xi dokumenti.

Rat il-verbali tad-9 t’Ottubru 2002; u tat-8 ta’ Jannar 2003 fejn ma deher hadd u l-kawza giet kancellata minn fuq il-lista a spejjez attrici.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 8 ta’ Jannar 2003 fejn talab ir-riappuntament tal-kawza, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet tad-9 ta’ Jannar 2003, fejn il-kawza giet rriappuntata ghas-smiegh ghas-6 ta’ Marzu 2003.

Rat il-verbali tas-6 ta’ Marzu 2003 fejn id-difensuri taw ruhhom b’notifikati ghall-partijiet bil-mozzjoni tar-riappuntament tal-kawza. Dr. Joseph Azzopardi ghall-attur ta ruhu b’notifikat ukoll bl-affidavit tal-konvenuta. Id-difensuri ddikjaraw li f’seduta wahda jaghlqu l-provi. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa s-seduta rikjesta ghall-provi li fadal; tat-8 ta’ Mejju 2003 fejn il-Qorti kkoncediet li tinzamm l-ahhar seduta ghall-kontro-ezami tal-konvenut, wara liema seduta l-provi tal-partijiet jigu dikjarati maghluqa; tat-12 ta’ Gunju 2003; tad-19 ta’ Novembru 2003 fejn id-difensuri ddikjaraw li l-provi nghalqu; tal-11 ta’ Frar 2004; tas-6 ta’ Mejju 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-attur sabiex

jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-19 t'Ottubru 2004.

Rat l-verbali sussegwenti tad-19 t'Ottubru 2004 u tal-10 ta' Novembru 2004 fejn il-kawza finalment thalliet ghall-istess skop ghat-18 ta' Novembru 2004.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' l-attur ipprezentata fis-16 ta' Gunju 2004 u tal-konvenuta datata 20 t'Awissu 2004.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz x-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li jigi mnaqqas il-manteniment li huwa obbliga ruhu li jhallas (skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat 9 ta' Gunju 1998 fl-atti tal-kompjant Nutar John Hayman), *stante* li qed jallega li llum l-introjtu tieghu naqas u ma jistax ihallas is-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) fix-xahar minnu pattwita.

Illi rigward b'pattijiet f'kuntratt ta' separazzjoni u talbiet ghall-tibdil fl-istess fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et"** deciza min din il-Qorti, kif presjeduta fl-4 ta' Lulju 2002 inghad illi:-

*"Illi dan il-kuntratt sar a bazi ta' l-artikolu 59 tal-Kap 16, u din ghandha l-effetti taghha kif provduti fl-artikolu 35 tal-Kodici Civili, u bhala tali twaqqaf kull pendenza gudizzjarja dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u konjugi, b'dan li l-istess seperazzjoni hija regolata biss bl-istess*

*kuntratt, hlief ghal dak provdut fl-artikolu 61 tal-Kap 16, fl-interess tal-istess minuri, fejn din il-Qorti tista' thassar kull ftehim bejn il-partijiet dwar l-istess ulied, dejjem fl-interess ta' l-istess minuri.*

*Illi allura jsegwi li ghal kull provvediment iehor, inkluz biex jithassar jew jigi varjat dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet, wiehed irid jipprocedi taht id-dispozizzjonijiet relattivi dwar kuntratti in generali quddiem din il-Qorti, li ghandha kompetenza generali, hlief jekk provdut b'mod iehor b'xi ligi, dwar kwistjonijiet kollha ta' natura civili u kummercjali.*

*Illi dan ifisser b'relazzjoni ghall-pendenza odjerna, li kull talba ghall-varjazzjoni ta' manteniment, jew anke ghall-konferma ta' l-istess manteniment, li dwaru hemm dispozizzjonijiet ad hoc bejn il-partijiet fl-istess kuntratt iffirmat bejniethom, ghandu u jista' jsir biss lil din il-Qorti, u l-ebda Qorti ohra, anke ghaliex il-kompetenza tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili hija strettament dik ta' Qorti volontarja u mhux kontenzjuza, hlief ghal dawk il-provvedimenti legali u ristretti, dwar manteniment, u konsiderazzjoni ohra biss konnessi ma' l-awtorizzazzjoni sabiex il-konjugi jipprocedu ghal separazzjoni personali quddiem din il-Qorti, u ghall-manteniment, kustodja u pendenzi dwar id-dar konjugali, pendente lite".*

Illi jinghad ukoll li fil-kawza fl-ismijiet **"Galea vs Galea"** deciza minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-26 ta' Frar 1956, (li kienet titratta ghal talba ghal awment ta' manteniment minn dak patwit) intqal illi *"il-promotur ta' l-alimenti stabbiliti bis-sahha ta' tranzazzjoni, hija ligi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma tistax tithassar hlief bil-kunsens taghhom jew ghar-ragunijiet validi skond il-ligi ghal kawzi stabbiliti ghal impunjazzjoni tal-kuntratti, u li ghalhekk, din it-tranzazzjoni li saret obbligu kuntrattwali ma tistax tithassar jew tinbidel, hlief bil-volonta' tal-kontraenti"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem"** deciza mill-Onorabbli

Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Novembru, 1994 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"… l-**artiklu 992 sub-artikolu (2) tal-Kodici Civili** jghid hekk:*

*Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi;*

*u dan wara li s-sub-artikolu (1) jghidilna li:*

*Il-kuntratti maghmulin skond il-ligi, ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom".*

Illi ta' rilevanza wkoll jista' jkun l-**artikolu 21 sub-artikolu (1)** kif emendat bl-**Att XXI ta' l-1993** li jitkellem dwar l-obbligu ta' manteniment in generali u mhux dak bejn il-konjugi u dan illum jipprovdi li:-

*"Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu, jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment skond ma jkun il-kaz."*

Illi dwar l-**artikolu 21** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha datata 15 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet **"Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe"** qalet illi:-

*"Din id-dispozizzjoni ma tiddistingwix bejn l-ghoti volontarju, 'ope sententiae' jew 'ex contractum' tal-manteniment".*

Illi dwar il-portata ta' dan l-artikolu dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Li ma huwiex daqstant car pero` hu jekk dan l-artikolu japplikax biex jirregola wkoll l-obbligu tal-manteniment bejn il-konjugi. Dan ghaliex l-**artikolu 21** jinsab fis-sub-titolu (2) ta' l-Ewwel Titolu tal-Kodici Civili li jirregola*

*expressis il-jeddijiet u d-dmirijiet bejn axxendenti, dixxendenti u ahwa. Hu subtitolu li fil-fatt jirregola fid-dettal ir-relazzjonijiet bejn dawn il-persuni u fl-ebda mument u fl-ebda dispozizzjoni tieghu ma jidher li qieghed b'xi mod jirregola r-relazzjonijiet bejn il-konjugi".*

Illi din il-Qorti bir-rispett issostni li taqbel biss sa certu punt ma' dan l-insenjament u in verita' jirrizulta li hawn si tratta ta' kundizzjoni u patt f'kuntratt ta' separazzjoni li jipprospetta awment, u allura hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami.

Illi forsi li huwa aktar relevanti huwa l-**artiklu 32 tal-Att XXI** fuq imsemmi li emenda l-**artiklu 54 tal-Kodici Civili li fis-sub-artiklu 7**, kif emendat, jipprovdi:-

*"Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-Qorti tista' fuq it-talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz".*

Illi din il-Qorti tinnota li f'dan l-ahhar artikolu msemmi ma jinghad xejn dwar jekk l-istess dispozizzjoni tirreferie ghall-manteniment stabbilit b'kuntratt jew b'sentenza, pero' hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li ladarba l-istess sub-artikolu huwa parti mill-**artikolu 54** li fl-ewwel sub-artikolu tieghu qed jitkellem dwar *"il-parti li kontra taghha tinqata' l-firda…"* dan qed jirreferi biss ghal meta l-istess manteniment jigi stabbilit b'ordni jew sentenza tal-Qorti u mhux fil-kaz ta' separazzjoni konsenswali. Fil-fatt fl-istess titolu tal-Kodici s-separazzjoni konsenswali hija biss trattata fl-**artikolu 59** *et sequitur*.

Illi fil-fatt fl-ambitu biss ta' manteniment ordnat mill-Qorti s-sentenza **"Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra pro et noe"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju 2001, u dik ta' **"Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe"** fuq imsemmija qalet illi:-

*"It-test allura hawn, aktar milli tibdel fic-cirkostanzi b'mod generali jirrikjedi studju komparattiv dwar kambjamenti fil-*

*mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom".*

Inghad ukoll f'din is-sentenza ta' **"Zahra vs Zahra"** (sup. ct.) illi:

*"dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew ma' l-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut".*

Illi *invece* fil-kuntest ta' manteniment patwit, u dan wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti skond kif provdut fil-ligi taghna, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **"Vella vs Vella"** tal-11 ta' Jannar 1996 irriteniet li:-

*"Huwa minnu li 'ad impossibilia nemo tenetur'. Dan pero' biss f'cirkostanzi l-aktar eccezzjonali u ben provati meta l-Qorti tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l-'impossibbilta' fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox inevitabbli u ma gewx provokati b'xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix id-dritt ghar-revizjoni tal-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunt. Hu car li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ghandhom jigu rispettati u osservati. Ghalkemm hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment 'ex lege', jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak 'ex contractu', in kwantu tezisti l- possibbilta' ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz", jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21 (1) ta' l-Att XXI ta' l-1993) jibqa' japplika dejjem il-principju illi 'Pacta Sunt Servanda'. Dan ifisser li fil-kaz ta' manteniment stabbilit 'ex contractu', il-kriterji li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'certi kazijiet tissos-pendi, l-obbligu ghall-manteniment, huma aktar rigidi u gravi minn dawk li tista' tapplika l-Qorti fil-kazijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta alimentari minghajr il-kunsens tal-konjugi. Kien ghal din ir- raguni u f'dan il-kontest li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet: **"Victoria Camilleri vs Mohammed Farag Abdul Kareem",** deciza fit-2 ta'*

*Novembru, 1994, htigielha taghmel ir-rikjam ghall-principju generali li wkoll jirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratti li hadd ma jista' jigi tenut jaghmel l-impossibbli".*

Illi din il-Qorti taqbel ma' dan l-apprezzament hawn citat biss in linja generali, ghaliex l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 21 tal-Kap 16** f'kuntest ta' ftehim ghal separazzjoni hija fl-umili opinjoni ta' din il-Qorti wahda dubjuza. Pero' din tigi trattata f'kazijiet ohra u forsi f'fora ohra.

**(ii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet jinghad fl-artikolu 6 ta' l-istess kuntratt datat 9 ta' Gunju 1998 li:-

*"Illi dwar manteniment il-komparenti Joseph Grixti jobbliga ruhu li jghaddi l-ammont ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) fix-xahar lil martu Bibiana Grixti b'dan illi l-imsemmi ammont ikun rivedibbli kull tliet snin skond l-awment illi ikun hemm, jekk ikun hemm, fl-introjtu tal-komparenti Joseph Grixti. Inoltre r-ragel jobbliga ruhu illi jibqa' jghaddi l-imsemmi ammont ta' manteniment lil martu jew kwalsiasi ammont kif jigi hekk rivedut, anke jekk hi tkun qed taghmel xoghol ta' natura part-time".*

Illi l-kawza attrici hija min-naha l-ohra bbazata fuq l-allegazjoni li l-introjtu ta' l-istess attur mid-data tal-kuntratt sad-data meta giet pprezentata c-citazzjoni attrici kien naqas. Illi pero' fid-dawl ta' dak patwit bejn il-partijiet dan certament ma jaghtix lok ghal tali tibdil tal-klawsola fuq indikata, *stante* li l-istess kuntrat ta' separazzjoni bejn il-partijiet jawtorizza bdil ta' l-istess manteniment biss meta jkun hemm zieda fl-introjtu ta' l-attur, u certament l-ebda tnaqqis ma huwa kontemplat, tant li gie pattwit li jekk il-mara tahdem *part time* – u allura jkollha xi forma ta' ntrojtu r-rata ta' manteniment kellha tibqa' l-istess.

Illi kkunsidrat li l-istess patt bejn il-partijiet jifforma ligi bejn il-partijiet din il-Qorti thoss li l-istess azzjoni attrici ma tistax tirnexxi u dan anke in vista tal-fatt li l-**artikoli 61 u 62 tal-Kap 16** ma jikkontemplawx tali tibdil.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-provi prodotti jirrizulta li l-attur qed jallega li dak iz-zmien tal-kuntratt kien jaqla’ tliet mija u sittin lira Maltin (Lm360) sa tliet mija u tmenin lira Maltin (Lm380) fix-xahar peress li kellu karozza *impressed* mal-Gvern; b’effett mis-sena 2001 huwa gie minflok impjegat mal-Maltacom plc u l-paga tieghu hija ta’ tliet elef, disa’ mija u disghin lira (Lm3,990) *gross* (ara Dok. “JG” a fol. 22 tal-process), li twassal ghal kalkolu ta’ salarju b’kollox ta’ tliet mija, tnejn u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm332.50) fix-xahar – nett ta’ tliet mija u erba’ liri Maltin, hamsa u sebghin centezmu u disa’ millezmi (Lm304.75c9) fix-xahar. Illi dan huwa kontestat minn martu li tghid li fil-fatt il-paga tieghu zdiedet minn dak iz-zmien ghaliex meta kien *impressed* kien jaqla’ biss mitejn u tmienja u hamisn lira Maltin (Lm258) fix-xahar. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn il-prospett tat-taxxa tas-sena bazi 1996 esebit mill-istess attur jirrizulta li huwa ddikjara li jaqla’ l-ammont ta’ tliet elef, erba’ mija u tmienja u sebghin lira Maltin, u sitta u disghin centezmu (Lm3,478.69) fis-sena (ara Dok. “XX2” a fol. 49 C tal-process), li hija ekwivalenti ghal mitejn u disgha u tmening lira Maltin (Lm289) *gross* fis-sena u ghalhekk jirrizulta li l-introjtu tieghu fid-data tac-citazzjoni attrici, almenu kif ddikjara huwa fl-istess prospett tat-taxxa, zdied minn dak li kien fid-data tal-kuntratt, ladarba llum ghandu ntrojtu *gross* ta’ tliet mija, tnejn u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm332.50) fix-xahar, kif minnu wkoll dikjarat.

Illli ghalhekk din ic-citazzjoni attrici qed tigi michuda fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok *stante* li a bazi tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet ma jirrizultax li l-istess attur ghandu d-dritt li jitlob li jvarja tali kundizzjonijiet u ammont ta’ hlas ta’ manteniment, u dan ghaliex l-istess kuntratt ta’ separazzjoni huwa ligi bejn il-partijiet. Fit-tieni lok u biss ghal grazzja ta’ l-argument bhala fatti esposti f’din il-kawza jirrizulta li l-allegazzjonijiet ta’ l-attur mhux biss ma gewx sostanzjati, izda adirittura jirrizulta li huma l-kontra ta’ dak li huwa allega fic-citazzjoni attrici, tant li l-verzjoni tieghu tidher li hija kontradetta mid-dokumenti minnu stess esebiti.

Illi dwar l-introjtu *part-time* tal-konvenuta, jidher li l-istess kuntratt jipprovdi specifikatament li l-ammont ta' manteniment li l-istess attur obbliga ruhu li jhallas lill-konvenuta ma kellux jonqos f'kaz li l-mara jkollha mpjieg *part-time* u allura l-pretenzjoni ta' l-attur f'dan ir-rigward hija adirittura frivola u vessatorja.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tichad it-talba attrici** bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------